Minuti ta' l-ghoxrin (20) laqgha tal-Kunsill Lokali Fontana, li saret nhar l-Erbgha 29 ta' Lulju 2009, fil-5.30 ta' wara nofs-in-nhar, fl-Ufficcju Amministrattiv tal-Kunsill.

| | |
|---|---|
| Prezenti: | Membri |
| Sindku | Is-Sur Saviour Borg |
| Vici-Sindku | Is-Sur Anthony Borg |
| | Is-Sur Lorry Apap |
| | Is-Sur Victor Cefai |
| | Is-Sur Horace Micallef |

Agent Segretarju Ezekuttiv: Is-Sinjorina Josephine Borg

Il-laqgha kienet ippreseduta mis-Sindku Saviour Borg

L-Agent Segretarju Ezekuttiv qalet it-talba.

Attenda ghal laqgha is-Sur Emanuel Terribile, skond ittra mibghuta mill-Assistent Direttur is-Sur James Catania, wara parir mitlub mill-Kunsill.

Inqraw il-minuti tal-laqgha tas-27 ta' Frar 2009 u gew approvati, u iffirmati.

Inqraw il-minuti tal-laqgha li ssejhet b'urgenza fit-3 ta' Marzu 2009, hin 8.15a.m. u gew approvati u iffirmati

Inqraw il-minuti tal-laqgha li ssejhet b'urgenza fit-3 ta' Marzu 2009, hin 9.30a.m. u gew approvati u iffirmati

Inqraw il-minuti tal-laqgha li ssejhet b'urgenza fit-3 ta' Marzu 2009, hin 1.00p.m. Il-Kunsillier Horace Micallef ma approvax dawn il-minuti tal-laqgha. Il-membri l-ohra tal-Kunsill approvawhom. Il-Kunsillier Horace Micallef qal li din il-laqgha mhix skond il-ligi. Hu qal li l-agendi tal – laqghat tat-3 ta' Marzu fil-hin 9.30a.m. u 1.00pm sabhom fil-letter box tad-dar x'hin rritorna lura mix-xoghol fis-7 ta' filghaxija, liema laqghat kienu spiccaw. Il-Kunsillier Horace Micallef kompla jghid li lanqas setghu isiru laqghat b'urgenza wara xulxin. Is-Sindku nforma lil Kunsill li x'hin sejjah it-tieni u t-tielet laqgha u saret l-agenda ma giex nfurmat li ma tistax issir f'dik l-istess gurnata. Is-Sindku nforma lis-Sur M icallef li l-hin ta' l-ewwel laqgha giet msejha b'arrangament li sar mieghu mas-Segretarju Ezekuttiv Josianne Cassar. Is-Sindku u il-Kunsillier

Lorry Apap iddikjaraw li ma kienux jafu li ma tistax issir Kunsillier Horace Micallef qal li hu kien jaf. Is-Sindku qallu mela ghalfejn ma gbidtx l-attenzjoni. Il-Kunsillier qal li hu ghandu kull dritt li ma japprovahomx il-minuti. Is-Sindku qal li hadd ma hu qed jichadlu dak id-dritt. Rigward dan il-Kunsillier kiteb ukoll lid-Direttur Gvern Lokali. Fakkar ukoll lil Kunsill li fil-laqgha li l-Kunsill kellu ma Dr. Chris Said, Segretarju Parlamentari, Dr. Said , qal li laqgha minghajr agenda fil-hin ma tistax issir. Il-Kunsillier Lorry Apap, qal li l-agenda dejjem saret u li din l-attitudni hi kollha inkejja, u li hu qatt ma dahal hawn gew biex jaghmel bsaten fir-roti, imma biex jaghmel il-gid lil lokal, ghalhekk dahal ghat-tieni darba.

Is-Sindku qal li hu kien nfurmat Direttur Gvern Lokali biex dan ma jergax isehh. Is-Sindku qal li sar bdil ta' korrispondenza bejnu u bejn id-Direttur, u s- Sindku ressaq korrispondenza f'dan ir-rigward. Is-Sindku qal li skond din il-korrispondenza " ghalhekk tigi mwissi sabiex tali procedura ma tergax tirrepeti ruhha" u ma giex nfurmat li ma tghoddx il-laqgha

Saret din il-laqgha b'urgenza ghar-raguni li s-Sinjura Cassar kienet ser titlaq ghal Awstralja u riedu jigu approvati l-minuti.

Il-minuti tal-laqgha msejha b'urgenza tat-3 ta' Marzu 2009, fil-hin tas-1.00p.m. gew iffirmati mis-Sindku u mis-Sur Emanuel Terribile, u approvati. Is-Sur Emanuel Terribile gie moghti c-cheque tas-salarju dovut lilu, €3354.62 u irtira mill-laqgha.

Imbaghad inqraw ukoll il-minuti tal-laqgha tat-28 ta' April 2009, u l-kontinwazzjoni tal-minuti ta' l-istess laqgha tad-19 t' Mejju 2009; kif ukoll il-laqgha b'urgenza tal-25 ta' Gunju 2009. Dawn gew approvati u iffirmati.

**Korrispondenza**

Inqraw Circulars OPM 8/2009; MPO 60/2009; MPO 62/2009; MPO 66/2009; MPO 80/2009; HR/MJHA 2/2009; HR/OPM 01/2009; HR/MITC 1/2009; MGOZ 01/2009; MEMOS 33/2009 – Regolamenti ta' l-2009 dwar il-Kunsilli Lokalli (Gemellaggi); 34/2009 – P.Q. 8904; 35/2009 - Website of the Department; 36/2009 – Cerimonja tal-Gurament tal-Hatra (Local Council Elections); 37/2009 – Garanzija Bankarja fuq Xoghlijiet ta' Zvilupp; 38/2009 – Kodici dwar l-Ahjar Prattici ghall-Gvern Lokali; Memo 39/2009 – P.Q. 9381; 40/2009 Manutenzjoni tat-Toroq; 41/2009 – Programm URBACT that l-ERDF.; 42/2009 – Skema dwar Inizjattivi ta' attivitajiet 2010; 43/2009 - P.Q. 10069; 44/2009 – PQ 45/2009 – Regolamenti dwar Skemi ta' l-Ipparkjar Kontrollat.

Korrispondenza mill-A.K.L. dwar Climate Star 2009; dwar Lista ta' Publikazzonijiet fuq country-walks; Laqgha dwar Opportunita Wif-Services; dwar korsijiet fuq Library Information; Mid- D.L.G. dwar laqgha f'Copenhagen fuq Climate Change; u avviz dwar d-dokumenti u applikazzjoni gdida biex wiehed idahhal l-ilma; mill –MIMCOL dwar laqgha fuq Eco-

Innovation; Seminar fl-1 ta’ Lulju dwar Network Rurali Malti;  Mill-Univ. ta’ Malta dwar tahdita fuq il-Kunsill Civiku ta’ Ghawdex: Taghlimiet ghal-Lum”;  Korrispondenza fuq Tahrig fl-Ingliz; u suggetti bazici.  Ittra ta ringrazzjament lil Kunsill minn Mgr. Rosario Borg. Mill-Kummissjoni Nazzjonali Zghazagh biex il-Kunsill jissugerixxi xi ghaqdiet taz-Zghazagh tal-Lokal biex isiru membri taghhom, imma fil-lokalita ma jidhirx li hawn ghaqdiet taz-zghazagh.

Talba mill-OASI Foundation biex il-Kunsill jinnomina xi Zaghzugh/a tas-Sena 2009.Nomini ma kienx hemm.

Korrispondenza mis-Sur James Catania dwar il-haddiema ta’ l-IPSL, li mill- 1 ta’ Awwissu li ser jibdew jithaddmu permezz ta’ pool

Mis-Segretarju Parlamentri Dr. Chris Said, korrispondenza dwar Kampanja ta’ Tindif, b’kompetizzjoni maghha, mill-5 ta’ Awwissu;  Il-Kunsill iddecieda li jiehu sehem.

Korrispondenza mill-MEPA rigward applikazzjonijiet godda ghal pemess ta’ zvilupp 02167/09; 00844/09; 02051/09; 02284/09; 02954/09; 00121/09; PA 3668/08.

Korrispondenza ohra fuq l-U.I.F ,ill- MEPA.; u avvizi/decizjonijiet mid-DCC fuq PA 0369/08; 05218/07; u 01433/08.

Korrispondenza mill-MEUSAC dwar l-Ewropa fil-Pjazza. Fil-Fontana ser issir nhar l-Erbgha 19 ta’ Awwissu.

Korrispondenza minn Carmelo Grima ghal Gozo Directory biex il-Kunsilliera jaghtu l-partikolaritajiet taghhom ghal Gozo Directory.  Id-decizjoni thalliet personalment ghal kull Kunsillier.

Gew ipprezentati  d-dokumenti rigward l-Insurance li l-Kunsill ghamel ma Galea Insurance Brokers Ltd.,  Gew ipprezentati l-Quotations ghal basktijiet tac-carruta, imma l-Kunsill qabel li ghandu jarahom, qabel jiddeciedi.

l-Agent Seg. Ezekuttiv ipprezentat r-Rapport Amministrattiv li ntbghat lid-Dipartiment Gvern Lokali.

**Twegiba ghal Management Letter**

L-Kunsill qabel fuq il-punti li ghandhom jitnizzlu ghat-twegiba, tal-Management Letter. Din ser tigi mwiegba mis-Sindku.

**Ghoti ta' l-Offerta 01/2009 (Trejqa wara d-Djar / Ghajn Tuta)**

Gie ipprezentat r-rapport tal-perit ghat-tender 001/2009. Fuq ir-rapport tal-perit il-Kunsill qabel li jaghti l-offerta lil Tarcisio Xerri li hija l-orhos wahda.

**Attivita  ghat-Tfal – flimkien mal-Kunsill Lokali tal-Munxar – fix-Xlendi.**

Il-Kunsill qabel fuq l-attivita ghat-tfal li ser issir fix-Xlendi flimkien mal-Kunsill Lokali tal-Munxar. Din l-attivita (Funday) ser issir nhar is-Sibt 22 ta' Awwissu matul il-gurnata bejn l-10a.m. u s-6.00p.m. Sehem il-Kunsill ser ikun ta' 350 Euro kif ukoll xi premjijiet tal-kompetizzjonijiet li ser ikun hemm. Il-Kunsill qabel li ghandhom johorgu l-avvizi ghat-tfal tal-Fontana.

**Mistoqsijiet**

Mistoqsijiet ma kienx hemm.

**Ilmenti/Suggerimenti**

Tressaq ilment minn George Gauci  dwar il-kanal tad-dawl li sar fi Triq is-Sajjieda. Dan gie irreferut lil Eng. Josephine Vella. Peress li ma rcivejna l-ebda risposta, il-Kunsill qabel li ghandha tintbghat reminder.

L-Agent Segretarju nfurmat lil Kunsill b' ilment  li waqt il-granet tal-festa tal-Qalb ta' Gesu' it-toilets kienu bla ilma u mahmugin Is-Sindku nforma lil Kunsill li jikkonfema dan ir-rapport u minkejja li gibidlu l-attenzjoni, dan l-ilment baqa ma trangax, ghalhekk ippropona lil Kunsill biex jittiehdu l-passi mehtiega. . Il-Kunsill qabel li tintbghat ittra ta twissija lil Joscar Camilleri, dwar dan l-ilment.

IL-Kunsillier Horace Micallef ressaq  Ilment minn Anthony Camilleri, ta' Triq San Martin biex isiru double yellow lines ma genb il-garages li hu ghandu  fl-istess triq. Rigward d-double line is-Sindku qal li ahjar niccekkjaw ma l-ADT.

Il-Kunsillier Horace Micallef, qal li t-tarag tas-sala tal-Komunita jizloq hafna, (diga zelaq xi hadd fih) ghalhekk ghandu jitwahhal non-slippery tape fuqu.  Talab ukoll biex terga  titwahhal tabella Slow sign fi Triq l-Isptar San Giljan, li kienet giet maqlugha meta kienu isiru t-tiswijiet fit-triq.

Il-Kunsillier Horace Micallef issugerixxa wkoll biex tigi up-dated il-website tal-Kunsill Lokali ghax fiha ritratti antiki, imma dawk ricenti mhumiex hemm. Is-Sindku nforma li peress li kien hemm nuqqas ta' rizorsi, issa tista tigi mqabbda Marie Cefai biex"update" l-website

**Approvazzjoni ta' Kontijiet.**

Il-Kontijiet ta hawn taht gew approvati:

| | | |
|---|---|---|
| | **Month** | June/July |
| | **Year** | 2009 |

| Description | Amount € | Account No. |
|---|---|---|
| Galea Insurance Brokers | 1,524.87 | |
| Galea Insurance Brokers | 242.29 | |
| Chris Gauci (Electrical Maintenance) | 1,068.00 | |
| Public Cleansing (Bulk Refuse) | 51.21 | |
| Sound & Vision ( Telephone & Battery) | 35.00 | |
| J.Caruana ( Statements EU Funding) | 200.00 | |
| Savio Debrincat ( Gbir ta Skart - April 2009 | 1,103.58 | |
| GO PLc. (Fax. Month of May 2009) | 20.30 | |
| GO Plc. (Telephone Office) | 67.67 | |
| GO Plc. (Telephone Office) | 122.15 | |
| Go PLc. (Fax. Month of June 2009) | 22.68 | |
| Joscar Camilleri (Public Conv. May 2009 | 158.34 | |
| Local Council Association (Perf. Rights) | 20.00 | |
| Fr. Alex Refalo (Festa Tfal 07/06/2009) | 233.90 | |
| Publikazzjoni Ind. Bok Vol II. | 30.00 | |
| Euro Tours | 289.00 | |
| Mayor's Allowance for June 2009 | 374.98 | |
| C.I.R. For May 2009 | 613.64 | |
| Salary for June 2009 - Agent Exec.Sec. | 1,484.89 | |
| C.I.R. For May 2009 (addtional ) | 20.00 | |
| C.I.R. For June 2009 | 736.30 | |
| Xeri l-Bukkett (Harga ghall anzjani 07/04/2009) | 79.90 | |
| Joscar Camilleri (Public Conv. June 2009 | 158.34 | |
| **Total** | 8,657.04 | |

**Materji Ohra**

Is-Sindku nforma li l-haddiem tal-Kunsill Joe Mercieca ghandu is-sighat ta' time –off in lieu, 29 hrs., lil Joe Mercieca ghax-xoghol li ghamel f'Gunju b'konnessjoni mal-wirja li kien hemm fis-Sala tal-Komunita', kif ukoll dahal xoghol lejliet il-festa u nhar il-festa filghodu. Dawn gew approvati.

Is-Sindku nforma lil Kunsill li flimkien mal-Kunsillier Lorry Apap li kien responsabbli mix-xoghol ta' l-ewwel fazi tac-Centru Civiku kellhom laqgha mas-Sur Nicky Saliba dwar il-kont ta' dan ix-xoghol li hu kontestat. Is-Sur Saliba qabel li jnaqqas dan il-kont b'madwar 500 Lira maltija. Is-Sindku talab lil Agent Segretarju Ezekuttiv biex tipprezenta id-dikjarazzjoni iffirmata mis-Sur Saliba dwar dan. Hija nfurmat lil Kunsill li din qeghda ghand l-awditur f'Malta. Hawnhekk intervjena is-Sur Horace Micallef li din id-dikjarazzjoni mhux suppost harget mill-Kunsill. L-Agent Segretarju Ezekuttiv qalet li dan ma kienetx tafu, ghax dawk id-dokumenti riedhom l-awditur ta' Malta, Attard & Giglio.

Il-Kunsill qabel li jhallas l-ammont ta' €10,000, (ghaxart elef euro) lil Nicky Saliba mill-ammont dovut lilu, fil-bini tas-Sala tal-Komunita Is-Sindku talab ukoll biex il-Kunsill ikun nfurmat kemm ghandna flus il-bank biex jinqata l-kont tas-Sur Nicky Saliba. L-Agent Seg. Ezekuttiv qalet li ma tistax tkun taf ghax ma tafx is-Sage. Il-Kunsillier Lorry Apap issuggerixxa biex l-Agent Seg. Ezekuttiv tiehu kors fuq is-Sage u l-Kunsill qabel. Il-Kunsill qabel li skond il-qaghda finanzjarja isir pagament iehor qabel laqgha ohra,. kif ukoll jithallas il-Perit pArc) l-ammont kollu dovut lilu;€2907.09;(elfejn disgha mija u seba ewro u disa centezmi)

Il-Kunsill qabel li jibghat ittra ta twissija lil Joscar Camilleri, dak li ghandu f'idejh il-kuntratt tal-latrina; biex jiehu hsieb l-indafa u l-manutenzjoni tal-latrina.

Il-Kunsill qabel li jaghti sponsorship ta 100 Ewro kull wiehed lil Arka Foundation kif ukoll lil Fondazzjoni Oasi.

Is-Sindku qal li mill-Community Work Scheme, ser jibda jahdem mal-Kunsill, Is-Sur Raymond Muscat f'effett mill-1 ta' Awwissu 2009. Is-Sindku qal ukoll li bidet tahdem mal-Kunsill l-istudenta Marie Cefai. Din giet mibghuta mill-ETC u qed tahdem 20 siegha fil-gimgha, sakemm tiftah l-iskola.

Il-Kunsill approva l-ammont ta' 90.21 Ewro li huwa l-ammont ta' flus li qabzu s-somma ta 582 Ewro, liema somma kienet giet approvata biex isiru t-tigrijiet taz-zwiemel.

Il-Kunsill iddecieda wkoll li ma jiehux sehem fil-hrug ta' l-Offerta tal-Kumitat Kongunt dwar l-"Street Lightning"

Il-Kunsill ma qabilx biex jinxtara id-DVD is-Sigill tal-Qrar; Il-Kunsill ma qabilx ukoll li jaghti sponsor ta 300 Ewro ghal Gozo Magazine mahrug minn Victor Zammit.

Is-Sindku nforma lil Kunsill li gie nsultat mis-Sur Maurice Zammit fil-prezenza ta' xhieda fi Pjazza San Frangisk. Huwa ghamel rapport lil pulizija. Dan kien dwar ix-xoghol ta' trinka tad-drenagg li l-kuntratturi l-ahwa Buhagiar ghamlu ghal proprjeta li ghandu is-Sur Zammit li taghti ghal Triq ta' Mulejja. Is-Sindku qal li nsista mal-kuntrattur biex ix-xoghol ta' taqtigh u l-kisi tat-trinka jsir skond l-ispecifikazzjonijiet tal-permerss mahrug mill-Kunsill. Il-kaz nstemgha quddiem il-Magistrat Edwin Grima. Is-Sur Zammit gie immultat 35 Ewro kif ukoll garanzija ta 250 Ewro ghal sena. Is-Sindku nforma lil Kunsill li qabbad lil Avukat John Paul Grech.

Il-Kunsill qabel li jwaqqaf is-servizzi tal-cleaner fl-Ufficcju. Ix-xoghol ser jibda jsir mill-haddiema tal-Kunsill.

Is-Sindku qal lil Kunsill li l-applikazzjoni ghal fondi mill-Unjoni Ewropea ghat-Tindif ta' Wied ix-Xlendi flimkien mal-Kunsill Lokali tal-Munxar, giet irtirata mill-Kunsill tal-Munxar, ghax kellu aktar minn applikazzjoni wahda, u ser issir applikazzjoni aktar 'l quddiem.

Is-Sindku qal li sar tal-programm rigward is-Sagra ta' Sant Indrija, flimkien ma Kevin Sciberras.

| | |
|---|---|
| 27 ta' Novembru 2009 | Issir ikla tal-hut fis-Sala tal-Komunita' |
| l-Gimgha p.m. (filghaxija) | kif ukoll folk singing. |
| 28 ta' Novembru 2009 | |
| Is-Sibt a.m. (filghodu) | guided tour mar-rahal |
| Is-Sibt p.m. (filghaxija) | Folk Show Sinet Group from Sannat |
| | Kif ukoll, Fireworks Display |
| 29 ta' Novembru 2009 | Wara l-ahhar quddiesa isir re-enactment |
| Il-Hadd a.m.(filghodu) | tal-wasla tal-Kardinal La Fontaine. |
| Il-Hadd p.m.(filghaxija) | Il-Festa tal-parrocca: (purcissjoni) |

Ohrajn: Issir mixghela bix-xema' fi Triq il-Ghajn, u Triq il-Kappillan Hili,

Armar tal-Festa.

Il-Kunsill qabel li jaghmel uzu mill-5,000 Ewro mweghda lilu (4500 Ewro Mis-Segretarjat Parlamentari ghal Informazzjoni u Djalogu Pubbliku, u 500 Ewro mill-Ministeru ghal

Ghawedex;  Il-Kunsill qabel li jordna 2300 Ewro minnhom ghan-nar ta’ l-art ghand l-ghaqda dilettanti tan-nar tal-Fontana li jiehdu hsieb jahdmu n-nar l-festa titulari.

Il-Kunsill iddiskuta r-revizjoni tal-Budget u ghandu jigi iffinalizzat sa laqgha ohra.

Is-Sindku nforma lil Kunsill li ntbghatet reminder lil Dipartiment ta’ l-Artijiet dwar il-fond Nr. 191 fi Triq il-Ghajn, Fontan. Kopja ta’ din l-ittra ntbghatet lil Onor. Dr. Chris Said u lil Onor. Dr. Jason Azzopardi.

Il-Kunsill qabel wkoll li tintbghat ittra lid-Direttur Gvern Lokali biex jitnehha r-ring fencing li hemm fuq l-street sweeping u r-road maintenance peress li t-tindif isir mill-haddiem tal-Kunsill u t-toroq li huma responsabilta’ tal-Kunsill qeghdin fi stat tajjeb.

Sindku qal li l-Kunsill ghamel l-applikazzjoni tieghu ghall-Iskema Specjali ghal Lokalitajiet bi Bzonnijiet Specjali.

Is-Sindku nforma lil Kunsill li dwar is-sistema tad-dawl gidda tad-dawl fi Triq l-Isptar San Giljan, l-Engineer Galea & Curmi lestew id-dokument ta’ l-offerta u pjanti fejn ser jehlu. Is-Sindku qal li ghandha tintbghat ittra lir-residenti li ser jehlu mal-proprjeta taghhom biex ikunu nfurmati b’dan. Jekk ikollhom xi oggezzjoni jinfurmaw lil Kunsill fi zmien gimgha.

Is-Sindku ippropona u l-Kunsill qabel li ssir harga ta’ nofs nhar f’Kemmuna f’Settembru ghar-residenti tal-Fontana.

L-attivitajiet  u x-xoghol li saru mill-laqgha ta’ Mejju sal-laqgha ta’ Lulju ser jinghataw lil Kunsilliera u jitnizzlu fil-laqgha ta’ wara.

Il-Laqgha spiccat fit-8.40p.m.

| | |
|---|---|
| Josephine Borg | Saviour Borg |
| Agent Segretarju Ezekuttiv | Sindku |